MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Numru. 37/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ALFRED MALLIA**

**KONTRA**

**ALAN DEBATTISTA iben Anthony u Mary Jane nee' Spiteri, imwieled Tal-Pieta' nhar it-28 ta' Mejju, 1982, residenti fil-fond St Gregory, Triq il-Barrieri, Mosta, detentur tal-karta tal-identita' numru 302282M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Alan Debattista** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, nhar is-17 ta' Dicembru, 2007, u fix-xhur precedenti minn din id-data, b'diversi atti, ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu ta' marki, sinjali, tabelli jew emblemi, li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema, jew wahhal deskrizzjoni kummercjali falza, jew qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, CDs u DVDs b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq, u dan bi ksur tal-Arikolu 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa jew immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra, u cioe' CDs u DVDs bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-dmirijiet tal-awtur li jkollha persuna u protetti bil-Ligi ta' Malta jew tahtha, u dan bi ksur tal-Artikolu 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza datata 25.07.2006, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif migjuba fil-konfront tieghu; kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji. Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ghal dawn il-proceduri.

Rat ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni - l-istqarrija tal-imputat fejn fiha cahad illi huwa kien ibiegh CDs jew DVDS foloz, anzi stqarr illi huwa biss originali kien ibiegh.

Semghet lill-kwerelanta Grace Borg illi ezebiet ritratti ta' stall barra hdejn it-terminus tal-karozzi tal-linja tal-Belt/Furjana, minn fejn skondtha gew akkwistati s-CDs jew DVDs mertu ta' din l-akkuza minn impjegati taghha. Skondtha mill-informazzjoni li giet moghtija, xehdet illi dak l-stall in partikolari kien jghajjat lil Joe Difesa. Xehdet ukoll illi hi kienet 'il boghod mill-istess stall waqt il-hin tal-akkwist, waqt li kienet qed tiehu r-ritratti minnha ezebiti,

biex ma tidhirx. Konsegwenza ta’ hekk pero, hi ma setghetx tidentifika minn kien qieghed jopera l-imsemmi stall u allura minn effettwa l-bejgh tal-merca falza.

Mario Giacchino, Pablo Cachia u Roderick Mifsud, ilkoll impjegati tal-kwerelanta, xehdu li kienu huma li ghamlu l-akkwisti tas-CDs u DVDs in kwistjoni, pero ma gharfux il-persuna, cioe’ l-imputat, bhala l-bejjiegh tal-istess. Minn naha tieghu Charles Muscat, ghad-direttur tat-Trade, ikkonferma li Alan Debattista kellu temporary license ta’ street hawker, mahrug lilu fis-07.09.2007, ezebixxa kopja tal-istess, folio 52, u tal-pjanta fejn qieghed l-stall tieghu - pressa poco fejn fil-fatt iddeskriviet Grace Borg u l-impjegati taghha.

Minn naha tieghu Martin Bajada, appozitament nominat, fir-relazzjoni tieghu kkonkluda li l-merca akkwistata kienet fil-fatt non-compliant.

Ikkunsidrat:

Illi anke jekk Grace Borg u l-impjegati taghha kienu certi jew ahjar precizi minn fejn gew akkwistati s-CDs u DVDs in kwistjoni, pero jibqa’ l-fatt illi hadd minnhom ma kien f’posizzjoni jindika lill-Qorti, u din kienet tkun l-ahjar prova, illi kien l-imputat li fil-fatt biegh il-merca falza.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tillibera lil Alan Debattista mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------